MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Citazzjoni Numru. 41/2002/1

**Salvina Sultana**

**Vs**

**Anthony Zammit**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attrici fejn ippremettiet:

Illi hija gabillotta ta’ bicca raba msejha ta’ “Gnien Qassis” ossija ta’ Gnien Xibla fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, fronteggjanti Triq Ghajn Hosna, fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, tal-kejl superficjali ta’ elf sitt mija u hamsa u sittin metri kwadri (1665 mk) u tmiss nofsinhar ma’ proprjeta’ tal-konvenut li tinsab imqabbla lil Tarcisio Zammit, punent ma’ Triq Ghajn Hosna, mit-tramuntana

ma’ proprjeta’ ta’ Pawlu Sultana soggetta ghas-sehem taghha minn tnax-il lira Maltin (Lm12) sehem taghha ta’ qbiela (dok.’A’ anness);

Illi ricentement u f’xi granet qabel id-29 ta’ April 2002 (data meta l-attrici saret konoxxenti tal-fatt) il-konvenut, vjolentement u klandestinament qabad u dahal fil-fond fuq imsemmi u pposjedut mill-attrici, hammel is-sigar u bena rurali;

Illi l-konvenut effettivament huwa l-proprjetarju tar-raba izda meta xtraha, xtraha espressament bil-kundizzjoni li kienet soggetta ghall-qbiela favur l-attrici (dok.’B’ anness);

Illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-attrici u ghalkemm gie debitament interpellat sabiex jispurga l-ispoll minnu kommess baqa’ inadempjenti;

Talbet ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li huwa kkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-attrici meta ricentement qabad dahal fir-raba possedut minnha u fuq deskritt u bena kamra rurali u hawwel xi sigar;

2. tikkundanna lill-istess konvenut jispurga l-ispoll minnu kommess billi jpoggi kollox fi stat pristin tieghu fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici terga’ tpoggi kollox fl-istat li kien qabel okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi u kollox a spejjez ta’ l-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Mejju 2002 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici annessa l-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. li t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fil-kaz odjern assolutament jonqsu t-tliet elementi rikjesti ghall-ezercizzju b'success ta' kawza ta' spoll, u cioe' l-pussess, l-att spoljattiv, u d-deduzzjoni tal-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat att spoljattiv;

2. li nfatti l-porzjon art meritu ta' din il-kawza qatt ma kienet fil-pussess ta' l-attrici ghaliex kienet abbandunata ghal kollox, zdingata u mimlija oggetti mormija minn nies mit-triq sovrastanti. Kien ghall-bidu tas-sena 2001 illi l-esponenti impussessa ruhu minn din ir-raba, beda bil-mod il-mod inaddafha u jirrangaha. Dan kollu sar bil-konoxxenza u bl-approvazzjoni ta' l-attrici illi sahansitra kienet tieqaf hemm u tikkumplimenta lill-esponenti ghax-xoghol tajjeb illi kien qieghed jaghmel;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut annessa l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet u ezaminat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat l-ahhar verbal taghha u n-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

L-ispoll meritu dina l-kawza, u hu indubitat li l-azzjoni esperita mill-attrici hi dik ta' spoll ossija ta' reintegrazzjoni tal-pussess, hu asserit mill-attrici li sehh fuq bicca raba msejjha "ta' Gnien Qassis" sive "ta' Gnien Xibla" ta' kejl ta' elf sitt mija u hamsa u sittin metru kwadru (1665m.k.) u qeghdha x-Xaghra fit-triq li tiehdok ghar-Ramla. Jirrizulta li l-konvenut huwa sid ta' din l-ghalqa kif attestat minn kuntratt esebit u markat 'Dok.B' a folio 6. L-attrici tghid li hija l-gabillotta ta' din ir-raba, bl-inferenza li tahdmu hi, jew kif stqarret, tahdmu permezz ta' terzi mqabdin minnha. Trattasi ta' kawza ta' spoll huma tlieta r-rekwiziti rikjesti

sabiex treggi l-azzjoni. Dawn huma: li l-ispoljat ikollu l-pussess tal-haga; li l-konvenut ikun ikkommetta l-ispoll; li tigi esercitata 'infra bimestre'. Dawn r-rekwiziti fil-fatt johorgu mill-Artikolu 535(1) tal-Kodici Civili li jiddisponi li "jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezza mill-pussess ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista' fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili".

Illi huwa dottrinalment, ukoll gurisprudenzjalment, stabbilit li r-rekwizit tal-pussess jissusisti anka meta l-ispoljat ghandu s-semplici detenzjoni u l-fatt krucjali f'dan l-ambitu huwa li l-pussess ikun pussess materjali u di fatto. Xejn ma jimporta li minn ikun ikkometta l-ispoll ikun il-proprjetarju. U biex ikun hemm ir-rekwizit ta' l-ispoll hu bizzejjed molestja jew semplici turbattiva, vjolenza jew klandestinita'.

F'din il-kawza dan il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni ta' l-attrici fuq l-art in kwistjoni u l-fatt ta' l-ispoll allegatament kommess mill-konvenut (li fi kliem l-Artikolu 791 tal-Kap 12 huma biss dak li Qorti ghandha tezamina) huma konfuzi f'xulxin. Dan qieghed jinghad stante li l-konvenut ma jinnegax li huwa dahal fl-ghalqa de quo, naddafha, u qieghed jahdimha wara li nehha sigra kbira u bena kamra fiha. X'irrizulta mill-provi hu li l-konvenut sar proprjetarju ta' l-ghalqa bil-kuntratt fuq riferit tal-5 ta' Awissu tas-sena 2000, meta beda jezercita id-dritt ta' proprjetarju, u assolutament ma rrizultax li hawnhekk l-attrici kellha xi pussess materjali u di fatto fuqha. Dak li rrizulta mix-xhieda minnha prodotta hu li dan il-pussess materjali u di fatto fuq l-art meritu l-kawza ma kienx ezercitat mill-attrici u li hi kienet tahdem bicca ohra minn din l-art, li fil-fatt qeghdha tahdimha sal-lum, li dwarha ma sofriet ebda molestja jew turbattiva minn naha tal-konvenut u liema raba mhix il-meritu ta' din il-kawza.

Illi wkoll, u rrispettivament minn dan kollu, l-azzjoni ta' spoll esperita mill-attrici tirrizulta li ma hijiex sostenibbli

stante li proposta barra t-terminu ta' xahrejn. Fir-rigward dan it-terminu l-Artikolu 791 tal-Kap 12 jitkellem car u jipprefigi d-dekor ta' dan iz-zmien "minn dakinhar li jkun sar l-ispoll". Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha l-attrici tirreferi ghad-data tat-29 ta' April 2002 bhala d-data meta hi "saret konoxxenti tal-fatt", ossija li l-konvenut vjolentement u klandestinament kien qabad u dahal fir-raba in kwistjoni, fatt pero' li m'hu sorrett imkien mill-provi li juru wisq car li l-ispoll, jekk tali jista' jissejjah, gie se mai kommess ferm qabel ix-xahrejn meta giet intavolata l-kawza.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq esposti, tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi tichad t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------